


*Xi mistoqsijiet dwar l-*
***Eżortazzjoni Appostolika***

# *Gaudete et Exsultate*

# *Ifirħu u thennew*

*Papa Franġisku*

**IVA
Il-Qdusija
hija għalik
Ukoll !**

***Għal Kulħadd***

1. **X'wassal lill-Papa biex jikteb din l-Eżortazzjoni u għaliex issa?** Waħda mill-ħidmiet prinċipali tal-Knisja minn dejjem kienet li tgħin lill-bniedem fil-mixja tiegħu lejn il-qdusija. Illum l-idea ta' qdusija tista' tkun imtappna b'ideat oħra li jiżgwidawk jew li huma immaġinarji. Għalhekk il-Papa "jħeġġeġ" lil dawk li jsegwuh biex jimpenjaw ruħhom f'mixja li sseħħ b'mod konkret fil-ħajja li ngħixu kuljum b'ġesti sempliċi u b'affarijiet żgħar, li l-grazzja t'Alla tmexxina fihom dejjem iżjed. F'*Evangelii Gaudium*, il-Papa Franġisku tkellem dwar is-sejħa biex l-insara jkunu dixxipli missjunarji. *Gaudete et Exsultate* tkellimna propju dwar il-missjoni li hemm fil-qalba ta' din is-sejħa, li tpoġġina f'rabta ma' Ġesù Kristu, li mhux biss jistedinna għall-qdusija, imma bil-għajnuna tal-grazzja tiegħu, jagħmilna kapaċi naslu għaliha. Il-qdusija hi għal kulħadd u mhux biss għal xi ftit magħżula. Il-qdusija hi d-destin tagħna; hi l-pjan t'Alla għalina. F'dan il-pjan ma hemm xejn li jintimidana jew li jassarna; anzi hemm ħelsien, mod kif insiru dak li tassew aħna.

***Jikteb lilek personali***

2. **X'hemm ġdid f'*Gaudete et Exsultate*?** Gaudete et Exsultate għandha ton u emfasi differenti mid-dokumenti ta' qabilha. L-ewwel, l-Eżortazzjoni hi ndirizzata personalment lil kull wieħed u waħda minna, hu xinhu l-istat tal-ħajja jew il-livell ta' edukazzjoni jew żvilupp. Il-Papa Franġisku juża lingwaġġ informali fis-singular, juża kliem li nitkellmu bihom ma' ħbiebna u qrabatna. B'hekk Papa Franġisku qed jagħmlilna stedina personali biex nimxu wara Ġesù. It-tieni, il-Papa juża apposta lingwaġġ lajk u jagħmel stedina lajka bl-iskop li jilħaq lin-nies tad-dinja, li jilħaq lil min għandu xogħol u familja u ħajja mimlija mpenji u pressjonijiet differenti. Il-Papa Franġisku jrid li n-nies ikunu jafu li m'hemmx bżonn ta' studju jew edukazzjoni partikulari u lanqas voti reliġjużi: hemm bżonn biss ta' qalb miftuħa u x-xewqa li wieħed jgħaddi ħin mal-Mulej, fit-talb u l-qari tal-Evanġelju. Irid li n-nies isiru jafu li fil-Knisja hemm dak kollu li jeħtieġu biex jitqaddsu u dan qiegħed hemm għal dawk kollha li jixtiequh. It-tielet, il-Papa jurina, kif għandu jsir dan il-vjaġġ lejn il-qdusija u kif dan jagħtina l-ħajja u jagħmilna aktar umani.

*Ewkaristija, Talb, Qrar u l-Iskrittura*

3. **X'inhuma s-suġġerimenti prattiċi? In-nies, kif jistgħu jitqaddsu?** Ħafna mis-suġġerimenti li jagħmel il-Papa Franġisku huma magħrufa sew fil-ħajja Kattolika: ħin dedikat għat-talb, parteċipazzjoni fis-Sagrament tal-Ewkaristija u fil-Qrar, eżami ta' kuxjenza kuljum u qari regolari tal-Evanġelju. B'hekk il-ħajja tagħna ssir tixbaħ lil dik ta' Kristu. Il-Papa jitkellem dwar ir-rabta qawwija li hemm bejn din l-attività "spiritwali" u l-azzjonijiet mibnija fuq il-ħniena. Jgħid li dawn iż-żewġ affarijiet ma nistgħux nifirduhom minn xulxin u li l-awtentiċità tat-talb tagħna tidher fil-mod kif ninbidlu u nġibu ruħna b'umiltà u ħniena. L-għeruq ta' dan insibuhom fl-Evanġelju ta' San Mattew, Kap. 5 fejn Ġesu' jagħtina l-Beatitudnijiet, it-triq li rridu ngħaddu minnha biex naslu għall-qdusija. Imbagħad, f'Kap. 25, naqraw il-mistoqsijiet impenjattivi li juruna b'mod ċar "il-kriterju li fuqu ser inkunu ġġudikati" fl-aħħar taż-żmien; jiġifieri juruna kif għandna nwieġbu għall-ħtiġijiet konkreti tal-oħrajn, speċjalment ta' min hu fqir. Jekk ma hemmx dan l-għixien, m'hemmx qdusija. U dan jitlob minna li nemmnu, nitolbu u nġibu ruħna b'mod li ma nifirdux dawn minn xulxin.

*Tfittixx salvazzjoni b'ideat u sforzi umani*

4. **Fid-dokument insibu kapitlu sħiħ iddedikat għal żewġ ereżiji antiki. Għaliex il-Papa jidher daqshekk imħasseb dwarhom?** Il-Papa Franġisku spiss isemmi l-perikli tal-verżjonijiet moderni tal-Injostiċiżmu u l-Pelaġjaniżmu. Id-dokument *Placuit Deo*, mogħti Frar li għadda mill-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, jispjega dan fid-dettal. Huma tentazzjonijiet veri għal min ikun attirat mill-fidi Nisranija. Fil-fatt, huma triqat li fihom wieħed ifittex is-salvazzjoni permezz ta' ideat u sforzi umani u mhux bil-qawwa ta' Kristu. Il-Papa Franġisku jitkellem dwar dan b'mod sempliċi sabiex kulħadd u mhux biss it-teoloġi, jkun jista' jifhem u jagħraf dawn il-perikli. Jgħidilna biex niftħu għajnejna dwar ideat sbieħ li jidhru qed jispjegaw kollox f'sistema loġika kumplessa jew dwar enfasi eċċessiva fuq regoli u metodi. Il-qofol ta' kollox hu, li aħna nsalvaw - li nitqaddsu – mhux permezz tal-ideat sofistikati tagħna jew tal-isforzi kbar li nagħmlu, imma billi ninfetħu l-ħin kollu għall-għajnuna li Alla joffrilna fid-dgħufija tagħna. Din l-għajnuna jew Grazzja, mhijiex xi premju għat-tajbin, imma hija mod kif Alla jgħin lil dawk li jduru lejh fil-bżonnijiet tagħhom. Bl-istess mod, l-aktar ħaġa mportanti, hi l-mod kif inwieġbu għall-ħtiġijiet tal-iżgħar fost ħutna l-bnedmin. Aħna ġġustifikati mhux bil-ħidma u l-isforzi li nagħmlu, imma bil-grazzja t'Alla li dejjem jieħu l-inizjattiva. Il-Grazzja hi d-don t'Alla mogħti lilna b'xejn – u dan jinkludi x-xewqa tagħna għall-qdusija. Għalhekk, il-qdusija ġġib magħha bidla progressiva li sseħħ għax inwieġbu għad-don li Alla jagħtina b'xejn u li aħna naċċettawh u nirċevuh b'mod ħieles.

*Fittex 'l Kristu*

5. **Paragrafi 43 u 44 jitkellmu dwar duttrina u jsostnu li fil-Knisja hemm diversi modi kif ninterpretaw id-duttrina – jew kif nifhmuha - u li din mhijiex sistema**

**magħluqa. Taħseb li din hi kritika impliċita dwar il-pontifikati ta' qabel, li tant impenjaw ruħhom u saħqu fuq it-tagħlim tradizzjonali tal-Knisja?** Hawnhekk il-Papa Franġisku mhux qed iwissi kontra ċ-ċarezza duttrinali jew kontra l-użu tar-raġuni, imma kontra t-tentattivi biex id-duttrina ssir sistema intellettwali monolitika waħdanija li ma tħalli ebda spazju għal sfumaturi u diversità. Fil-fatt ħafna mid-duttrina Kattolika mhux faċli tifhimha bir-raġuni biss; il-verita' li hemm fiha tista' tilqagħha biss billi tikkontemplaha aktar milli tfissirha. Ir-raġuni għandha postha, imma l-verita' ta' Kristu tmur 'l hemm mir-raġuni.

*Tkunx ossessjonat u puntiljuz !*

6. **Paragrafu 58 hu attakk qawwi kontra dawk li jridu jagħmlu l-Knisja bħal xi biċċa arti f'mużew jew klabb għal xi ftit magħżula. Il-Papa dwar min qed jitkellem?** Hawnhekk il-Papa qed iwissi kontra "il-Pelaġjani ġodda" fil-Knisja: mhux kontra xi ħadd partikulari jew kontra xi grupp, imma kontra dawk li għandhom ċertu tendenzi, bħal dawk li huma ossessjonati bil-liġijiet, dawk preokkupati b'mod puntiljuż dwar liturġija, duttrina u prestiġju u l-bqija. Ovvjament, mhux qed jgħid li l-liturġija u d-duttrina mhumiex importanti; iżda meta Kattoliċi jsiru ossessjonati dwarhom, dan jista' jkun sinjal li qed jaqgħu f'attitudnijiet Injostiċi jew Pelaġjani.

*Evita diċeriji li jġibu firda*

7. **Għaliex il-Papa jinsisti daqshekk fuq il-perikli tad-diċeriji?** (Paragrafu 87) Il-Papa spiss jitkellem dwar id-diċeriji u jirreferi għalihom bħala forma ta' vjolenza li teqred komunitajiet sħaħ u tiżra' firda u suspett. Illum il-periklu kiber għax il-midja soċjali moderna tagħmel aktar faċli t-tixrid ta' informazzjoni falza (n.115). Il-Papa jfakkar f'dak li jwissi t-Tmien Kmandament: la tixhidx fil-falz kontra għajrek. Jitkellem b'mod kostruttiv dwar dan is-suġġett u jużah b'eżempju prattiku għal min qed jagħmel il-mixja tal-qdusija: wieħed la għandu jieħu sehem fit-tpaċpiċ fieragħ u lanqas jgħaddih lill-oħrajn.

*Ibda' ara 'l bnedmin bħala Ħutek*

8. **F'paragrafu 98, il-Papa Franġisku jagħti l-eżempju ta' laqgħa ma' persuna bla dar f'lejla kiesħa. Forsi jrid jgħid li jien obbligat ngħin lil dik il-persuna dak il-ħin stess li niltaqa' magħha?** Il-Papa mhux qed joffri xi preċett, qed jurina kif il-qdusija tibdel il-mod kif inħarsu lejn id-dinja madwarna, speċjalment lejn ħutna l-bnedmin. Jekk inħares lejn il-persuna l-oħra bħala ħija jew oħti fil-bżonn u mhux bħala problema, nkun qed inħares lejha bl-għajnejn ta' Kristu. L-azzjoni minn din l-imġieba tiddependi fuq fatturi differenti. Il-Papa jsemmi "id-dieqa kostanti u li tweġġa'"meta nħarsu lejn id-dinja b'dan il-mod. Dan hu sinjal li qed nikbru fil-qdusija.

*Kostanti fl-impenn għad-dinjita' umana*

9. **Bla ma jsemmi l-kelma abort, f'paragrafu 101 il-Papa qisu jargumenta li hemm ekwivalenza morali bejn l-abort u xi prattiċi**

**oħra li jeqirdu d-dinjità umana. Hekk hu?** Il-Papa Franġisku jikkritika atteġġament li jifred qasam ta' interess etiku mill-bqija u jagħmlu assolut. Iġib l-eżempju ta' Kattoliku li jemmen bis-sħiħ fil-kawża favur il-ħajja (pro-life) filwaqt li ma jappoġġax l-impenn soċjali ta' Kattoliċi oħra u jarah bħal xi ħaġa "politika". Is-sejħa għall-qdusija titlob ħarsa ħafna aktar wiesgħa fejn l-imħabba għall-proxxmu tfisser li wieħed jinkwieta meta jara d-dinjita' umana ta' xi ħadd mhedda. Tnejn mill-ħafna eżempji huma: familja li jkollha taħrab minn darha minħabba t-tixrid ta' demm u xi ħadd li hu vittma tal-prostituzzjoni. La darba ma nistgħux ninkwetaw ruħna l-ħin kollu u bl-istess mod dwar kull theddida tad-dinjità umana, jeħtieġ inkunu grati lejn min qed iwieġeb fejn aħna ma nistgħux nagħtu sehemna.

## *Laqgħa tal-batut mhux moda*

10. **F'paragrafi 102 u 103, il-Papa jittratta t-tema dwar l-immigranti u jgħid li din mhux xi kunċett ivvintat minn xi Papa jew xi moda li tgħaddi maż-żmien. Taħseb li l-Papa qed jimplika li l-immigranti kollha għandhom ikunu milqugħa? La din hi waħda mill-kwistjonijiet politiċi l-aktar rilevanti fid-dinja, forsi l-Papa mhux qed jagħti xejra politika lil sejħa għall-qdusija?** Il-Papa qatt ma qal li l-immigranti kollha għandhom ikunu milqugħa u mogħtija merħba. Hu jħeġġeġ lill-pajjiżi l-aktar sinjuri biex ikunu ġenerużi u biex jaraw li l-immigranti jintegraw ruħhom fis-soċjetajiet li jilqgħuhom. Dejjem tkellem dwar il-bini ta' pontijiet b'kuntrast mal-bini ta' ħitan biex in-nies jitħallew barra. Tkellem dwar l-importanza li nħarsu lejn l-immigranti bħala persuni u mhux bħala numri. Hawnhekk jisħaq li s-sitwazzjoni tal-immigranti mhijiex kwistjoni "sekondarja" jew inqas etika. Is-sejħa għall-qdusija hi sejħa biex l-Evanġelju jissarraf f'ħajja u dan ifisser ukoll li nilqgħu lill-barrani (Mt 25: 35).

## *Fi triq il-qdusija stenna l-attakki tax-xitan*

11. **F'paragrafi 160 u 161, il-Papa jagħti attenzjoni partikulari lix-xitan. Allura jkun korrett jekk ngħidu li hu jemmen ukoll fl-infern?** Il-Papa Franġisku rrifera bnadi oħra għall-infern b'mod regolari. Hawnhekk ma jsemmix l-infern imma jsemmi x-xitan filwaqt li jwissi li f'kull vjaġġ lejn il-qdusija hemm l-attakki mill-għadu tal-qdusija. Din hi taqbida kontinwa u mhux xi ġrajja li sseħħ kultant u hu mportanti li nkunu nafuh dan: jekk naħsbu li x-xitan hu sempliċi simbolu jew idea, allura ma noqogħdux attenti biżżejjed. Iżda fil-Knisja, il-Mulej tana bosta armi qawwija biex nissieltu kontra l-attakki tax-xitan, b'mod partikulari d-don tad-dixxerniment, li tant hu meħtieġ illum meta hemm ħafna distrazzjonijiet li fil-wiċċ jidhru pożittivi u ma jkunux. Il-qdusija hi sensiela ta' rebħiet kontra t-tentazzjonijiet tax-xitan.

**Henjin intom...Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet.**
(Mt. 5:11-12)



Produzzjoni u Setting: Joe Micallef